

31994D0370

L 168/31

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

2.7.1994

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-21 ta' Ġunju 1994

li temenda d-Deċiżjoni 90/424/KEE dwar in-nefqa fil-qasam veterinarju

(94/370/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽²⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽³⁾,

Billi, fid-dawl ta' l-esperjenza miksuba, għandhom jiġu mtejbja ċerti mekkaniżmi pprovduti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar in-nefqa fil-qasam veterinarju ⁽⁴⁾;

Billi, b'mod partikolari, għal programmi għall-eradikazzjoni u monitorjar tal-mard ta' l-annimali, programmi għall-kontroll ta' ċerti zoonoses u programmi sabiex jitjiebu l-istrutturi veterinarji konnessi mas-suq intern, għandha ssir skeda taż-żmien għall-ħidmiet diversi, l-Istati Membri għandhom, matul is-sena ta' qabel l-implimentazzjoni tagħhom, jissottomettu l-programmi, għandha titfassal lista tal-programmi magħżula għas-sena ta' wara, għandhom jiġu approvati programmi individwali, għandhom jiġu stabbiliti r-rata tal-kontribuzzjoni Komunitarja u l-ammont massimu ta' din il-kontribuzzjoni, għandha ssir dispożizzjoni għat-tnaqqis progressiv fir-rifużjonijiet fejn ma jiġux osservati l-limiti taż-żmien u għandu jiġi speċifikat il-livell minimu għar-rifużjonijiet dwar il-miżuri ta' emerġenza;

Billi b'żieda ma' dan il-lista tal-mard elenkat fil-Grupp 1 ta' l-Anness għandha tiġi ssupplimentata biż-żieda tad-deni klassiku tal-ħnieżer u d-deni vesikolari tal-ħnieżer,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

L-Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 90/424/KEE hi hawnhekk emendata kif ġej:

1. iż-żewġ inċiżi li ġejjin għandhom jiġu miżjuda ma' l-Artikolu 3(1):

- id-deni Afrikan tal-ħnieżer,
- il-plewropnewmonja li tittiehef tal-bhejjem tal-fart⁵;

⁽¹⁾ ĠU C 4, tas-6.1.1994, p. 5.

⁽²⁾ ĠU C 91, tat-28.3.1994.

⁽³⁾ ĠU C 148, tat-30.5.1994, p. 23.

⁽⁴⁾ ĠU L 224, tat-18.8.1990, p. 19. Deċiżjoni kif l-aħħar emendata mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/77/KE (ĠU L 36, tat-8.2.1994, p. 15).

2. il-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 4 għandu jiġi mibdul b'li ġej:

"1. Id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 3 għandhom japplikaw fejn hu involut il-kontroll tar-riskji gravi għas-saħħa għall-Unjoni, li jkun kkważati mill-mard riferit fl-Artikolu 3(1), saħansitra jekk it-territorju fejn tiġri l-marda jkun bla ħsara għall-programm ta' l-eradikazzjoni skond l-Artikolu 24";

3. għandu jiżdied l-Artikolu li ġej:

"L-Artikolu 10a

Il-kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja ma għandhiex tiġi konċessa fejn l-ammont totali tal-miżura jkun inqas minn 10 000 ECU";

4. fl-Artikolu 11(6), "l-1 ta' Jannar 1995" għandu jiġi mibdul bi "l-1 ta' Jannar 1998";

5. fl-Artikolu 16, għandu jiġi miżjud il-paragrafu li ġej:

"Din il-kontribuzzjoni ma għandhiex tapplika għat-tagħrif imqassam minn organizzazzjonijiet internazzjonali oħra u lanqas li tidduplika dan it-tagħrif";

6. il-frażi li ġejja għandha tiġi miżjuda fl-aħħar ta' l-Artikolu 19:

"u għall-iżvilupp ta' l-edukazzjoni jew tit-taħriġ veterinarji";

7. fl-Artikolu 24, il-paragrafi 3 sa 9 għandhom jiġu mibdula b'li ġej:

"3. Kull sena, mhux aktar tard mill-1 ta' Ġunju u għall-ewwel darba mhux aktar tard mill-1 ta' Awissu 1994 l-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni l-programmi li huma jixtiequ jaraw li jirċievu kontribuzzjoni Komunitarja.

F'din l-okkażjoni, l-Istati Membri:

- (i) għandhom ifornu t-tagħrif finanzjarju kollu approprjat;
- (ii) għandhom jindikaw l-ispiża stmata ta' kull programm issottomess;
- (iii) għandhom jindikaw, fil-każ ta' programm pluri-annwali, it-tul ta' dan il-programm u l-istimi finanzjarji annwali.

L-ebda programm issottomess wara l-1 ta' Ġunju jew għall-ewwel darba wara l-1 ta' Awissu 1994 ma jista' jiġi kkunsidrat biex jiġi ffinanzjat fis-sena ta' wara.

Fejn Stat Membru jissottometti programm li jkun maħsub li jiġi organizzat fuq numru ta' snin (programm multi-annwali), għandu jissottometti t-tagħrif imsemmi hawn fuq għall-ewwel sena u għas-snin ta' wara li jkun hemm.

4. Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-programmi ssottomessi kemm mil-lat veterinarju u kemm mil-lat finanzjarju. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni kull tagħrif addizzjonali li din ta' l-aħħar tehtiegħ sabiex tagħmel l-istima tal-programm. Il-perjodu taż-żmien sabiex jiġu kkunsidrati l-programmi għandu jagħlaq fl-1 ta' Settembru ta' kull sena.

It-tagħrif addizzjonali għandu jintalab mill-Kummissjoni mhux aktar tard mill-15 ta' Lulju ta' kull sena.

5. Kull sena, qabel il-15 ta' Ottubru u skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 42, għandha titfassal il-lista tal-programmi li jikkwalifikaw għall-kontribuzzjoni Komunitarja tas-sena ta' wara u għandhom jiġu stabbiliti r-rata proposta u l-ammont tal-kontribuzzjoni għal kull programm. Din id-Deċiżjoni għandha wkoll tqis il-prospetti sabiex jiġu ffinanzjati l-programmi korrenti li jkunu sejrini jiġu koperti bħala programmi pluri-annwali.

6. Kull programm inkluż fil-lista pprovduta fil-paragrafu 5, emendata fejn approprjat sabiex tqis l-eżami riferit fil-paragrafi 4 u 5, għandu jiġi approvat individwalment skond il-proċedura pprovduta fl-Artikolu 42 qabel l-1 ta' Diċembru. Għandhom jiġu stabbiliti l-livell tal-kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja, u kull kundizzjoni li għaliha tista' jkun bla ħsara u l-ogħla limitu tal-kontribuzzjoni, għal kull programm, skond l-istess proċedura.

7. Il-programmi kollha għandhom jiġu approvati għal perjodu taż-żmien ta' sena u għandhom jiġu implimentati bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru ta' kull sena. Għal kull programm li jkun qiegħed jinħadem l-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni, qabel l-1 ta' Ġunju, evalwazzjoni preliminarja teknika u finanzjarja tal-programm. Din l-evalwazzjoni tista' tkun akkumpanjata minn talba għat-tkomplija tal-miżura skond il-paragrafu 3. Il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Istati Membri bis-sitwazzjoni rigward l-adozzjoni tad-deċiżjoni pprovduta fil-paragrafu 5.

8. L-applikazzjonijiet għall-ħlas li għandu x'jaqsam man-nefqa miġrura minn Stat Membru rigward programm mogħti għandhom jiġu ssottomessi lill-Kummissjoni qabel l-1 ta' Ġunju tas-sena ta' wara dik li fiha l-programm jintemm. Fejn ma jiġix osservat il-limitu taż-żmien speċifikat, il-kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja għandha titnaqqas b'25 % fl-1 ta' Lulju, b'50 % fl-1 ta' Settembru, b'75 % fl-1 ta' Ottubru u b' 100 % fl-1 ta' Novembru ta' din is-sena.

9. Il-Kummissjoni għandha tirregola dwar il-ġajjnuna qabel il-15 ta' Ottubru. Sa l-1 ta' Novembru, għandha tgħarraf lill-Istati Membri, waqt li jiltaqgħu fil-Kumitat Veterinarju Permanenti, bid-deċiżjoni sabiex ikunu jistgħu jagħtu l-istima tagħhom.

10. Il-Kummissjoni tista' tagħmel kontrolli fuq il-post, bil-kooperazzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali, dwar l-applikazzjoni tal-programmi li jirċievu kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja. Sabiex tagħmel dan, id-dipartimenti tal-Kummissjoni jistgħu jivverifikaw jekk l-awtoritajiet kompetenti jkunux qegħdin jimmonitorjaw il-konformità ma l-applikazzjoni tal-programmi billi jiċċekkjaw perċentwal rappreżentattiv ta' l-ishma.

Il-kontrolli msemmija hawn fuq jistgħu jsiru fil-ħin tal-kontrolli l-oħra li jridu jsiru mill-esperti tal-Kummissjoni, skond il-leġislazzjoni veterinarja.

Il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Istati Membri bir-riżultat tal-kontrolli magħmula.

11. Għandha tiġi adottata regola dettaljata sabiex jiġi applikat dan l-Artikolu, u b'mod partikolari l-paragrafu 8 tiegħu, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 41.

12. Il-programmi diġà approvati mill-Kummissjoni jew li jkunu sejrini jiġu approvati għall-perjodu taż-żmien mill-1 ta' Lulju 1994 sal-31 ta' Diċembru 1994 għandhom jissoktaw ikunu rregolati bid-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 24 li japplika qabel l-emenda li tirriżulta mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/370/KE tal-21 ta' Ġunju 1994 li temenda d-Deċiżjoni 90/424/KEE dwar in-nefqa fil-qasam veterinarju (*). Madankollu, il-programmi msemmija hawn fuq għandhom jintemmu mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 1994.

(*) ĠU L 168, tat-2.7.1994, p. 31".

8. fl-Artikolu 25, għandhom jiżiedu l-paragrafi li ġejjin:

"3. Madankollu, għall-programmi li jridu jiġu ffinanzjati li jkunu sejrini jiġu approvati fl-1994, il-kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja tista' tkun anqas minn 50 %.

4. Il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'magħoranza kkwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jirrevedi dan l-Artikolu mill-inqas qabel il-31 ta' Diċembru 1995, fid-dawl ta' l-esperjenza miksuba u sabiex jintlaħaq il-għan li jitlestha s-suq intern.";

9. l-Artikolu 26 għandu jiġi mibdul b'li ġej:

"L-Artikolu 26

Għall-miżuri pprovduti taħt dan it-Titolu, l-ammont ta' l-appropriazzjonijiet meħtieġa għandu jiġi ffixsat kull sena skond il-proċedura dwar l-estimi finanzjarji.";

10. l-Artikoli 30 u 31 għandhom jitħassru;

11. l-Artikolu 32 għandu jiġi mibdul b'li ġej:

"L-Artikolu 32

Għall-għanijiet ta' dan il-Kapitolu, għandu japplika l-Artikolu 24(3) sa (11).";

12. fl-Artikolu 36(1), għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“Dawn il-korsijiet jew laqgħat ta' aġġornament jistgħu, skond id-disponibbiltà, jkunu miftuħa, fuq it-talba ta' l-awtoritajiet kompetenti u wara li l-Kummissjoni tkun qablet, għall-persuni minn pajjiżi mhux membri li jkunu għamlu ftehim ta' kooperazzjoni ma' l-Unjoni fil-qasam ta' l-ispezzjonijiet veterinarji u għax-xjenzati veterinarji ggradwati sabiex jess-tendu t-taħriġ fil-qasam tar-regoli Komunitarji.”;

13. l-Artikolu 38(3) għandu jiġi mibdul b'li ġej:

“3. Għall-għanijiet ta' dan l-Artikolu, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 24(3) sa (11).”;

14. l-Artikolu 40 għandu jiġi mibdul b'li ġej:

“L-Artikolu 40

Il-pagamenti għandhom isiru fl-eku bir-rati ppubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* fl-ewwel jum tax-xogħol tax-xahar li fih tkun ġiet irċevuta l-applikazzjoni għall-pagament”;

15. għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

“L-Artikolu 43a

Il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport kull tliet snin lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar il-kondizzjonijiet ta' l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.”;

16. fl-Anness, taħt “il-Grupp 1”, għandhom jiżdiedu l-inċiżi li ġejjin:

- il-marda vesikolari tal-ħnieżer,
- il-marda klassika endemika tal-ħnieżer,
- in-nekrosi ematopejka li tittieħed (IHN).”

L-Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fil-Lussemburgu, fil-21 ta' Ġunju 1994.

Għall-Kunsill

Il-President

G. MORAITIS